MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2010

Numru 858/2010

PULIZIJA
SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT
VS
DARREN CROSS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Cross, ta’ 24 sena, iben Paul Andrew George u Josette xebba Sammut, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Marzu 1986 u residenti gewwa Binja Vista, Entratura D, Flat 8, Triq il-Konti G.A. Ciantar, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 145986(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar t’Awwissu 2010, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda cioe talli:

1) Xjentement ghex ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra cioe ta' Ommissis X;
2) Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, hedded jew insulenta bi kliem lil Ommissis X

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Ommissis X u l-familji taghha, kif ukoll ghax-xhieda okulari ohra tal-Prosekuzzjoni u minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol. 7) u dak ta' l-imputat (a fol. 2) fejn il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fir-verbal datat tat-18 ta' Awwissu 2010 ;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Darren Cross hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 339(1)(e), Artikolu 28A u 28G tal-Ligijiet ta' Mala tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre

tqieghed lill-imputat taht *Supervision Suspended Order* ghal perjodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat illi in oltre ai termini ta’ Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-imputat u favur Ommissis X ghal perjodu ta’ tlett snin (3) bil-kondizzjoni li ma jkellimx, ma javvicinax u ma jimmolestax lill-istess Gauci u dana wara li l-Qorti ezaminat il-konsiderazzjonijiet elenkati fis-subinciz (4) tal-Artiklu 412C tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrika, il-pedina fenali tal-imputat u l-eta’ govanilli tieghu.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------